MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 347/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. V. Aquilina)**
**Vs**
**Philip Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Lulju u t-22 ta' Lulju 2001 u fl-aħħar erba' xhur qabel din id-data ġewwa l-Qawra u partijiet oħra ta' dawn il-Gżejjer

a) biegħ jew offra li jbiegħ droga ristretta w psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata w ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti, A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma

kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta w psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regoalment 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) w l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

ċ) fl-istess lok, żmien u ċirksotanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża w dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h) u 37 tal-Kap. 9, ir-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 31, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, u kkundannatu ghal tmien xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €710, liema multa tista' tithallas b'rata ta' €100 fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-espert li jammontaw ghal €348.61 (LM148.98).
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'Otturbu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ghall-htija, tikkancella w thassar il-piena nflitta mill-Ewwel

Qorti w tikkundanna lill-appellant dik il-piena li hija aktar idonea w ekwa ghall-kaz odjern salv dak li din il-Qorti joghgoba tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti :-

1. illi dan l-appell mhux qed isir mir-responsabilita' tal-htija li sabet l-Ewwel Qorti fuq l-appellant u dan stante illi l-istess appellant kien ammetta mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni w qatt ma cahad din l-istqarrija quddiem l-Ewwel Qorti;
2. illi ghalhekk dan l-appell qed isir in kwantu ghall-piena nflitta lill-appellant mill-Ewwel Qorti. Il-piena li l-Ewwel Qorti tat lill-appellant mhijiex il-minimu illi jistabilixxi l-Kap. 101 ghall-kazijiet ta' traffikar ta' sustanzi projbiti bhalma hija l-ecstasy. Tenut kont tal-fatt illi l-appellant kien ghadu minorenni w ghall-fatt illi l-istess appellant kellu l-vizzju tad-droga, l-minimu stabbilit mill-ligi kien ikun aktar idoneju, aktar u aktar jekk l-appellant kien ikollu jibda programm ta' rijabilitazzjoni. Huwa minnu li fil-mori tal-kawza, l-appellant naqas milli jidher quddiem l-Ewwel Qorti kemm-il darba imma dan il-komportament tieghu kien kollu effett tal-problema ta' droga;
3. illi certament li huwa saput li l-Ewwel Qorti dejjem taghti okkazzjoni lil kull appellant sabiex jirrijabilita' ruhu madanakollu ikun dejjem ahjar kemm ghall-appellant u kif ukoll ghas-socjeta in generali li persuna li tkun misset mal-vizzju tad-droga tkun rijabilitata minn dan il-vizzju milli semplicement tiskonta sentenza karcerarja;
4. illi f'dan il-kaz sabiex il-piena ma tkunx wahda li tpoggi lill-appellant f'sitwazzjoni li ma jkunx jista' johrog mill-problema kellha tkun applikata il-minimu stabbilit mill-ligi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat,

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] **, "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F' dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi li sahansitra tipprovdi ghall-piena massima ta' ghaxar snin prigunerija oltre l-multa ghall-ewwel reat ta' traffikar tal-ecstacy w dan minghajr ma wiehed japplika z-zieda ghall-konkors tar-reati bejn l-ewwel u t-tielet imputazzjoni skond l-artikolu 17(b) tal-Kap.9.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tqisx li l-piena ghal traffikar tal-ecstacy w pussess tar-raza tal-cannabis kienet eccessiva anzi tidher li hija wahda li tirrazenta l-minimu mandatorju tal-piena kieku ma kienx ghall-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap.9. B' dana kollu non va detto li, ghax hu applikabbli dan l-artikolu, r-riduzzjoni ta' grad jew tnejn trid bil-fors issir mill-minimu preskritt mill-ligi. Din ir-riduzzjoni tkun ukoll skond il-ligi jekk tinghata sahansitra mill-massimu tal-piena. F' tali kaz ikun ifisser li riduzzjoni ta' zewg gradi minn piena massima ta' ghaxar snin prigunerija, tista' twassal ghall-piena ta' mhux aktar minn sitt snin. Ghalhekk il-piena erogata, ghalkemm mhux bazata fuq riduzzjoni mill-minimu tal-piena, hija xorta wahda baxxa bizzejjed fic-cirkostanzi.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti diga' kkonsidrat li l-appellant kien ghad ghandu tlitt xhur taht it-tmintax il-sena meta wettaq dawn ir-reati u li ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9. Izda qalet ukoll li ghalkemm kien inghata cans biex jikkontrolla l-vizzju, ma kien ikkoopera xejn tant li saru zewg denunzji w kellu jingieb il-Qorti b' mandat t' arrest diversi drabi. Oltre dan irrizulta li fi zmien tlitt xhur kien biegh sew ecstacy.

Is-sottomissjoni tal-appellant li hu kien isofri mill-vizzju tad-droga ma hix attenwanti fil-fehma ta’ din il-Qorti. F’ dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit imma r-reat ta’ spaccar ta’ droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissmi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta’. Barra minn hekk din il-Qorti ma taqbilx li r-reat ta’ spaccar tad-droga ghandu jigi kondonat jew mitigat ghax ikun kommess flimkien mar-reat l-iehor tal-pussess tad-droga mill-istess hati ghas-semplici raguni li “*Two wrongs don’t make a right”*.

Illi umbaghad mill-fedina penali tal-appellant jidher li fil-mori tal-kawza, hu baqa’ ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu w ripetutament gie kkundannat ghall-pussess ta’ raza tal-cannabis, eroina, danni volontarji, serq aggravat, ricettazzjoni, theddid lil membri tal-korp tal-Pulizija, w sahansitra ksur tal-kondizzjonijiet li bihom kien inghata l-liberta’ provizorja.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata, b’ dana pero’ li l-hlas tal-multa jibda jsir mhux aktar tard minn xahar wara li l-appellant jiskonta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------